

Brussell, 16 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12498/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0249(NLE)

PECHE 326

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 423 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 423 final.

Mehmuż: COM(2022) 423 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2022
COM(2022) 423 final

2022/0249 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn
l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Mauritius ġie ffirmat fil-21 ta' Diċembru 2012, u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2014 għal perjodu ta' 6 snin. Dment li ma jintemmx minn xi wieħed mill-partijiet, jiġġedded b'mod taċitu għal perjodi addizzjonali ta' 3 snin kull darba, u għaldaqstant għadu jseħħ. L-aħħar Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd kien ikopri perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja, jiġifieri mid-data ta' meta ġie ffirmat. Kien ġie ffirmat fit-8 ta' Diċembru 2017, u skada fis-7 ta' Diċembru 2021.

Ġiet miftiehma estensjoni ta' 6 xhur għall-Protokoll permezz ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u Mauritius, li ġiet iffirmata fil-5 ta' April 2022.

Abbażi tad-direttivi ta' negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni nneqozjat ma' Mauritius biex jiġi konkluż Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Mauritius. Wara n-negozjati ġie inizzjalat Protokoll ġdid fis-7 ta' Mejju 2022.

Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja stabbilita fl-Artikolu 18 tal-Protokoll – li hi d-data meta jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet.

L-għan ta' din il-proposta hu li tawtorizza l-konklużjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

L-għan ewlieni tal-Protokoll il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-politika komuni tas-sajd riformata u d-dimensjoni esterna tagħha. Dan jgħin biex titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u Mauritius. Il-Protokoll il-ġdid se jippermettilhom jaħdmu flimkien aktar mill-qrib fuq il-promozzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli, bi qbil mal-obiettivi tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li hu rikonoxxut fil-liġi tal-UE, tal-isfruttament tajjeb tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Mauritius, u tal-isforzi ta' Mauritius biex tiżviluppa l-ekonomija marittima sostenibbli tagħha, fl-interess taż-żewġ partijiet li huma. Din il-kooperazzjoni se tgħin ukoll biex iġġib 'il quddiem kundizzjonijiet diċenti tax-xogħol fis-settur tas-sajd.

Il-Protokoll il-ġdid jagħti l-opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' Mauritius lill-bastimenti tal-UE. Dan huwa bbażat fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, u fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, li tiġġestixxi l-istokkijiet tal-ħut li jpassu ħafna, u tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan, fejn japplika fil-limiti tal-eċċess disponibbli. Il-Kummissjoni bbażat il-pożizzjoni tagħha parzjalment fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Protokoll preċedenti (2017-2021), u fuq valutazzjoni minn prospettiva futura bil-għan li jiġi deċiż għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn, it-tnejn li huma twettqu minn esperti esterni.

Il-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin:

¹ Adottati fit-3813-il laqgħa tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) fit-28.09.2021.

- 40 bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża;
- 45 bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ġdid huwa parti minn azzjoni esterna tal-UE rigward il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u b'mod partikolari jqis l-oġġettivi tal-UE dwar ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem.

L-UE u Mauritius huma Partijiet għall-Ftehim *interim*, li ġie ffirmat fid-29 ta' Awwissu 2009, li stabbilixxa qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Istati tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Afrika minn naħa waħda u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra. In-negozjati dwar Protokoll ġdid ikomplu mal-FSE, li jipprevedi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fin-negozju tas-sajd u fl-iżvilupp tas-sajd marittimu, taż-żoni tas-sajd fl-ilmijiet interni, u tal-akkwakultura.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Il-bażi legali hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd, u l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, li jistipula li wara li ssir proposta min-negozjatur, il-Kunsill irid jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim.

L-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li bl-eċċezzjoni tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni, il-Kummissjoni trid tiżgura li jkun hemm rappreżentanza esterna tal-UE. B'hekk l-uffiċjali maħturin mill-Kummissjoni huma l-uniċi li għandhom il-kompetenza jinnotifikaw lil Mauritius li l-proċess tar-ratifika tlesta.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-oġġettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza legali, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li jwettqu l-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stipulat fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-ġhajjuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stipulata fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2021 il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll tal-2017-2021 għall-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd ma' Mauritius u wettqet ukoll evalwazzjoni *ex ante* tal-possibbiltà li jiġġedded il-Protokoll.

L-evalwazzjoni tal-Protokoll tal-2017-2021¹ ikkonkludiet li kien jikkomplementa l-arranġamenti l-oħra stabbiliti dwar l-aċċess għal dak ir-reġjun, u jippermetti li l-bastimenti tal-UE jtejbu l-isfruttament skont ir-regoli reġjonali stabbiliti mill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan, tal-istokkijiet li jpassu. Kien rilevanti għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati fl-UE, billi kien jagħti aċċess prevedibbli lis-sidien tal-bastimenti tal-UE għal żona tas-sajd produttiva fejn l-ispeċijiet fil-mira huma abbondanti. L-aċċess għall-ilmijiet ta' Mauritius jagħti l-opportunità lill-flotta tal-bastimenti li jistadu bil-konz tal-UE ibbażati f'La Réunion jistadu f'firxa aktar wiesgħa li testendi sal-ilmijiet fil-viċinat. L-attivitajiet tal-flotta tas-sajd tat-tonn tal-UE fl-ilmijiet ta' Mauritius u f'firxa aktar wiesgħa tal-Oċean Indjan iġġeneraw impatti soċjoekonomiċi pożittivi sostanzjali għal Mauritius, u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE b'mod ġenerali taqbel mal-opportunitajiet tas-sajd sfruttati. Dwar l-appoġġ settorjali, permezz tal-evalwazzjoni ġie osservat li l-programm kien ġie implimentat b'xi dewmien, u li jenħtieġ li programm futur ta' appoġġ settorjali jimmira b'mod prijoritarju li jsaħħa l-abbiltà ta' Mauritius li tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha, b'mod partikolari dawk marbuta mal-osservazzjonijiet xjentifiċi, mal-kampjunar tal-qabdiet, u mal-ispezzjonijiet tal-portijiet. Programm ta' appoġġ settorjali futur ikun jista' jgħin ukoll biex jiġi żviluppat is-settur tas-sajd nazzjonali permezz li jingħata sostenn lis-sajjieda ż-żgħar u permezz tal-iżvilupp ta' segment semi industrijali. L-evalwazzjoni tirrakkomanda li parti mill-finanzjament disponibbli jinżamm għar-reklutaġġ ta' assistent tekniku estern biex jikkoordina u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ settorjali.

Għall-UE, huwa importanti li jkun sostnut strument li jippermetti l-kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' pajjiż li hu sieħeb ekonomiku importanti, li hu fornitur ta' prodotti tal-ħut lill-UE, li hu parti kkonċernata fix-xena internazzjonali, u li għandu żoni tas-sajd li huma ta' interess għall-flotta tal-UE.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni ddedikat parti mill-evalwazzjoni għall-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, mar-rappreżentanti tal-industrija, u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-amministrazzjoni tas-sajd u mas-soċjetà ċivili ta' Mauritius. Saru konsultazzjonijiet ukoll fil-Kunsill Konsultattiv għas-Sajd f'Distanzi Twal. Dawn il-konsultazzjonijiet wasslu għall-konklużjoni li jkun ta' benefiċċju għall-Unjoni Ewropea u għal Mauritius li jiġi konkluż Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li stabbilixxa l-politika komuni tas-sajd, il-Kummissjoni impjegat konsulent indipendenti biex iwettaq l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-ftehim innegozjat fih klawnsola dwar il-konsegwenzi li jinqalgħu jekk isir ksur tal-elementi essenzjali tad-drittijiet tal-bniedem stipulati fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou, jew fl-artikolu korrispondenti tal-ftehim li jissuċċedih.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali hija ta' EUR 725 000, ibbażata fuq:

¹ ISBN: 978-92-76-38078-8 doi: 10.2771/046775

(a) tunnellaġġ ta' referenza ta' 5 500 tunnelli li ġie stabbilit ammont annwali fuqu ta' EUR 275 000 b'rabta mal-aċċess;

(b) sostenn għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' Mauritius, li jammonta għal EUR 275 000 fis-sena; u

(c) sostenn għall-iżvilupp tal-politika marittima u tal-ekonomija blu, li jammonta għal EUR 175 000 fis-sena.

Dan is-sostenn jilħaq l-objettivi ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-ekonomija marittima, tal-akkwakultura, tal-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani, tal-ippjanar spazjali marittimu, tal-enerġija marittima u tal-ambjent marittimu, u ta' żvilupp tal-politika marittima u tal-ekonomija blu.

L-ammont annwali għall-appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-pagamenti, fost dawn il-linja ta' riżerva għall-protokoll li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena, jiġi stabbilit waqt il-proċedura baġitarja annwali¹.

5. ELEMENTI OĦRA

• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma previsti fil-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd u fil-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

¹ F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji, il-punt 20 (ĠU L 433I, 22.12.2020).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u (7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) F'konformità mat-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] tal-...]², il-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026) (minn hawn 'il quddiem: "il-Protokoll") ġie ffirmat nhar il-..., soġġett li aktar tard jiġi konkluż.
- (2) L-oġġettiv tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni Ewropea u lil Mauritius jikkollaboraw aktar mill-qrib biex jippromwovu l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ekonomija marittima, tal-akkwakultura, tal-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani, tal-ippjanar spazjali marittimu, tal-enerġija marittima u tal-ambjent marittimu, tal-iżvilupp ta' politika marittima u tal-ekonomija blu, filwaqt li jgħin biex il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-sajd ikunu diċenti.
- (3) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (4) L-Artikolu 9 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li jkun responsabbli mill-monitoraġġ tal-applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont il-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi għall-Protokoll. Jenħtieġ li jkun il-Kunsill li jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni meta jiġu proposti l-emendi għall-Protokoll. Jenħtieġ li tkun il-Kummissjoni li f'isem l-Unjoni tapprova l-emendi proposti, dment li, f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ma jkunx hemm għadd ta' Stati Membri li jikkostitwixxu minoranza li timblokka, li joġġezzjonaw għalihom.
- (5) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bagħat opinjoni fil-[daħħal id-data].

¹ ĠU C , , p. .

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/... tal-... 2021 dwar ... (ĠU C [...], [...], p. [...]).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ([ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39](#)).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan huwa approvat f'isem l-Unjoni l-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026).

It-test tal-Protokoll huwa l-Anness I mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

F'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha twassal in-notifika prevista fl-Artikolu 19 tal-Protokoll, biex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll.

Artikolu 3

Soġġett għad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li f'isem l-Unjoni tapprova l-emendi għall-Protokoll adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Għall-Kunsill

Il-President